MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-15 ta' April, 2005

Talba Numru. 68/2003

**Anthony Farrugia**

**vs**

**Vincent Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas tas-somma ta' mitejn u tmenin lira Maltija (Lm280.00) rapprezentanti danni sofferti mill-attur fl-incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta' Jannar, 2002 gewwa l-By Pass tal-Marsa meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura HAO-723 baqa' diehel fil-vettura proprjeta` tal-attur misjuqa minn Stephanie Galea. Illi l-incident in kwistjoni sehh minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali datati 15 ta' Lulju, 2002, 30 ta' Lulju, 2002 u 26 ta' Awissu, 2002, bl-imghax legali u bil-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fit-30 ta' Marzu, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tmenin lira Maltija (Lm280.00) bl-imghax legali mit-8 ta' Marzu, 2005.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittri legali datati 15 ta' Lulju, 2002, 30 ta' Lulju, 2002 u 26 ta' Awissu, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------